# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 17 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 527/2024 JPG**
**Kawza nru.: 17**

**MG U CG**
**VS**
**X**

**U b'digriet tat-18 ta' Frar 2025 l-okkju gie korrett ghal:**

**MG**
**vs**
**CG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MG datat 23 t'Ottubru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti MG u CG izzewwgu fis-sbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (17/07/2010) gewwa l-Parrocca tal-Mosta – kopja tac-certifikat az-zwieg anness u mmarkat Dok A;*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono datat erbgha ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (04/09/2019), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok B;*

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal AG u GC li t-tnejn ghadhom minorenni;*

*Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad fi klawzola numru erbgha 6 (f) (IV) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni sakemm il-minuri jghalqu l-eta' ta' tmintax (18) il-sena stante li l-komparenti ragel kien ghadda sehemu mill-fond matrimonjali lill-mara u kien sar set off mal-hlas ta' manteniment sakemm il-minuri jghalqu tmintax il-sena rispettivament (vide Dok B);*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Settembru 2019 u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artiklu 66B (b) jirrizulta sodisfatt;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti NG qed jannetti l-affidavit tieghu – anness u mmarkat Dok C;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CG (Vide Fol 35) li taqra hekk:

*ILLI l-esponenti ma topponiex ghat-talba tal-hall taz-zwieg pero tippuntwalizza li skond t-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrent huwa obbligat li ihallas l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u extrakurriulari tal-ulied liema obbligu reggha skatta minn Settembru 2024 u ghandu jibqa dovut sakemm t-tfal jilhqu l-eta ta' tmintax il-sena jew tlieta u ghoxrin jekk jistudjaw; fuq bazi full-time;*

*ILLI bl-istess mod ghalkemm r-rikorrent hallas manteniment lumpsum sa l-eta ta' tmintax il-sena tal-ulied, skond t-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni u f'kaz li huma jibqghu fi studju terzjarju full-time, r-rikorrent wkoll ghandu jibqa obbligat li ihallas l-manteniment tal-ulied;*

*ILLI ghalhekk u sakemm dawn t-termini kif maqbula fil-kuntratt ta' separazzjoni jinzammu u jibqghu impregudikati bid-divorzju, l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni ghal istess talba tad-divorzju.*

*ILLI l-esponenti qed tannetti l-affidavit taghha immarkata Dok AA;*

*ILLI jigi rilevat li l-esponenti tixtieq li tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe 'M' u l-Qorti fid-decizjoni taghha hija mitluba sabiex tawtorizzha u tordna l-istess.*

*Finalment jigi rilevat li l-ispejjez tal-procedura ghandhom jithallsu*

*kollha mir-rikorrent.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-intimata talbet lil din Onorabbli Qorti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M.

Rat illi l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw li l-partijiet ghalqu l-provi u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 37).

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 18)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar is-17 ta' Lulju 2010 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, it-tnejn minorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 4 ta' Settembru 2019 in atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit Fol 36A)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

Rat illi l-intimata talbet lil din Onorabbli Qorti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar iz-17 ta' Lulju 2010 liema zwieg jgib certifikat numru 1240/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, it-tnejn minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali datat 4 ta' Settembru 2019 in atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono (Vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1240/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Di piu', il-Qorti tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M u tordna lid-Direttur Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**